MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 465/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ivan Fava**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Ivan Fava talli:

(1) fis-27 ta' Mejju 2009 jew fil-jiem ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, ikkorrompa lil Francis Catania, ufficjal fid-Direttorat tal-Licenzji, u dan sabiex Francis Catania jonqos li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel;

(2) fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi, irrenda ruhu komplici fl-ghoti ta' dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz a tenur ta' l-artikoli 42 u 185 tal-Kodici Kriminali;

(3) fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi, talab, ircieva jew accetta xi offerta jew weghda ta’ xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jezercita xi influwenza mhux xierqa bhalma hemm imsemmi fl-artikolu 121A subartikolu (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(4) sar recidiv ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi moghtija minn diversi Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-28 ta’ Ottubru 2011 li permezz taghha dik il-Qorti wara li rat l-artikoli 17(h), 52, 115(c), 120(1), 42(d), 185(1) u 121A(2) tal-Kodici Kriminali, sabet lill-imsemmi Ivan Fava hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontrieh hlief dik tar-recidiva, u bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9 ikkundannatu sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fl-14 ta’ Novembru 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (1) tikkonfermaha f’dik il-parti taghha fejn sabet lill-imsemmi Ivan Fava hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontrieh (2) filwaqt li thassar dik il-parti tas-sentenza koncernanti l-piena nflitta u minflok, (3) teroga kontra tieghu l-piena skond il-ligi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellat esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta’ l-Avukat Generali hu li l-piena erogata mill-ewwel Qorti ma kinitx fix-xorta jew kwantita` taghha dik ikkontemplata fil-ligi ghar-reat li fuqu l-appellat kien gie kkundannat. L-appellant jghid illi fl-ezami li sar lill-appellat skond l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, “huwa wiegeb li huwa hati ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u ghalhekk anke ghall-imputazzjoni tar-recidiva skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta”. Ghalhekk

ma setax jibbenefika mill-artikolu 28A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**6.** Issa, fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti qalet li ghalkemm l-appellat (allura imputat) kellu addebitu tar-recidiva, "huwa kien hallas il-multa pjenament tant li l-kondotta tieghu hija llum il-gurnata nadifa (Dok. IF2)", u konsegwentement ghaddiet biex ma ssibux hati ta' l-addebitu tar-recidiva.

**7.** Ghall-finijiet ta' l-Ordinanza dwar ic-Certifikati tal-Kondotta (Kap. 77 tal-Ligijiet ta' Malta), il-formola C huwa dak ic-certifikat li jinhareg fejn persuna jkollha kundanni li m'ghandhomx jigu rregistrati skond l-artikoli 5 u 6 ta' dik l-Ordinanza. Dan ma jfissirx illi ghall-finijiet ta' proceduri kriminali, m'ghandux jittiehed kont, fejn applikabbli, ta' dawk il-kundanni. Jigifieri fejn si tratta ta' delitt li dwaru persuna tkun giet ikkundannata ghal sentenza ta' prigunerija jew ghall-hlas ta' multa, jibqa' applikabbli l-artikolu 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Naturalment tkun trid issir il-prova tar-recidiva.

**8.** Fil-kaz odjern l-appellat stess ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu (ara fol. 7 tal-process) minghajr eccezzjoni. Inoltre giet esebita vera kopja tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fid-9 ta' Marzu 2007 li permezz taghha huwa kien instab hati li kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar jew munizzjon minghajr licenzja u li ghal dak ir-reat gie kkundannat ghall-hlas ta' multa ta' Lm50. Din is-sentenza nghatat ftit aktar minn sentejn u xahrejn qabel id-data li fiha sehhew ir-reati odjerni. Ghalhekk saret il-prova tar-recidiva kif ukoll li r-reati odjerni sehhew entru l-perijodu ta' hames snin mid-data ta' dik is-sentenza.

**9.** Issa, waqt sottomissjonijiet verbali, id-difensur ta' l-appellat irrefera ghall-artikolu 52 tal-Kap. 9 li jipprovdi: **"Ghall-finijiet tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, fil-kundanni dwar delitti ohra, ma jitqisux il-kundanni moghtija ghal delitti maghmulin b'nuqqas ta' hsieb jew bi traskuragni, jew**

**b'nuqqas ta' hila f'sengha jew professjoni, jew minhabba nuqqas ta' hars ta' regolamenti, u vice versa."** Issottometta li r-reat li ghalih gie kkundannat bis-sentenza msemmija tad-9 ta' Marzu 2007 kien bi ksur ta' regolament. Din il-Qorti ma taqbilx. L-ewwelnett l-artikolu 52 jirreferi ghall-ksur ta' regolamenti (*"regulations"* fit-test Ingliz). Bis-sentenza msemmija l-appellat instab hati ghal ksur ta' l-artikolu 5(1) tal-Kap. 480, artikolu fil-*Parent Act*, u li mhuwiex regolament. M'hemm l-ebda dubju mbaghad li hawn si tratta ta' delitt. Difatti l-piena hi ta' prigunerija ghal zmien mhux inqas minn tliet xhur u mhux izjed minn hames snin. Fil-kaz imsemmi, l-appellat kien gie kkundannat ghall-hlas ta' multa peress illi fic-cirkostanzi msemmija fl-ewwel *proviso* ta' l-artikolu 5(1) imsemmi, il-hati jista' jehel multa ta' mhux anqas minn sitt mija u tmienja u disghin euro u wiehed u tmenin centezmu (698.81) jew prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur jew dik il-multa u prigunerija flimkien. Konsegwentement l-artikolu 52 tal-Kap. 9 mhuwiex applikabbli.

**10.** Dan ifisser illi l-ewwel Qorti ma setghetx tapplika l-artikolu 28A tal-Kap. 9, cioe` ma setghetx tikkundanna lill-appellat ghal sentenza sospiza ta' prigunerija. Ghalhekk din il-Qorti trid tapplika piena skond il-ligi.

**11.** Mill-atti jirrizulta l-ewwelnett illi l-appellat ghamel ammissjoni bikrija ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. Mill-istqarrija tieghu jirrizulta illi huwa wettaq ir-reati in kwistjoni biex jassisti persuna wahda. Jirrizulta illi minhabba problema ta' droga huwa ghamel u ggradwa minn *Evening Programme* mal-CARITAS u baqa' jattendi l-*Aftercare Programme*. Skond certifikat rilaxxat minn Mons. Victor Grech, l-appellat dejjem jilqa' l-istedina ta' l-istaff tal-CARITAS biex jippartecipa f'laqghat pubblici u jaghti l-esperjenza tieghu. Mic-certifikat rilaxxat mill-psikjatra Dr. Anthony Dimech imbaghad jidher illi l-appellat ghandu Attention Deficit Hyperactivity Disorder li tirrizulta f'impulsivita`, dizattenzjoni u iperattivita`. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-appellat huwa kandidat idoneju ghall-*probation* peress illi dan il-mezz ta' trattament huwa

"piena" li tista' tigi applikata skond il-ligi u huwa mezz ta' kif jigi assigurat illi l-appellat jibqa' miexi fit-triq it-tajba.

**12.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu ma sabitx lill-appellat hati ta' l-addebitu tar-recidiva u minflok issibu hati wkoll ta' dak l-addebitu, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatu ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin u minflok, a tenur ta' l-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghdu taht *probation* ghal perijodu ta' tliet snin millum taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation li jigi nominat ghal dan l-iskop u bil-kondizzjonijiet kollha fil-*probation order* li qieghed jigi hawn anness, u liema kondizzjonijiet il-hati ddikjara li huwa jaccetta. Tordna li kopja ta' l-ordni ta' *probation* tigi minnufih komunikata lill-*probationer* u lill-Ufficjal Principali tal-*Probation*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------